**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 56

Data tal-laqgħa: 23 ta' Awwissu, 2018

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis,* 23 ta' Awwissu *2018 fis-7.00p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Ġiljan Aquilina |
| Viċi Sindku | Mario Gauci |
| Kunsillieri | Christopher Fenech |
| | Carl Grech |
| Assenti b'Apoloġiji | Mark Azzopardi |
| Ambaxxatur Żagħżugħ | Victoire Muscat (Skużata) |
| Segretarju Eżekuttiv | Maria Tanti |

Il-laqgħa bdiet fis-7.15p.m. billi ntqalet it-talba.

**56/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**56/01/01** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Kunsillier Mark Azzopardi talab li jiġi skużat. Is-Sur Aquilina ippropona li l-Kunsill jilqa' din l-apoloġija. Il-Kunsill qabel unanimament.

**56/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 55**

**56/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti.

**56/02/02** **Para 55/02/02:** Il-ħaddiema tad-dipartiment tax-xogħlijiet lestew it-toqob kollha.

**56/02/03** **Para 55/02/07:** Il-laqgħa ma' Sur Michael Cohen rigward it-talba sabiex il-*Bus Stop* ta' Triq Stiefnu Żerafa jersaq lejn il-kamra tal-ħaddiema peress li triq hija iktar wiesa' saret. Għal din il-laqgħa attendew is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u l-Kunsillier Christopher Fenech. Issa jmiss li nirċievu r-risposta mingħand il-Perit ta' Transport Malta.

**56/02/04** **Para 55/02/09:** Is-Sindku qal li l-*webcam* ġiet installata u li kelna kummenti pożittivi.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**56/02/05** **Para 55/02/10:** Fuq l-attività kommemorattiva sabiex jiġi mfakkar is-Superjur tal-M.U.S.E.U.M. is-Sur Guido Tanti u biex issir ir-rħama ġewwa l-M.U.S.E.U.M, is-Sindku qal li għadha pendenti.

**56/02/06** **Para 55/02/11:** Is-Sindku spjega li l-bins ġodda għal Triq Għaxqet l-Għajn ġew ordnati u li għandhom jaslu f'Settembru.

**56/02/07** **Para 55/02/14:** Is-Sur Aquilina qal li l-bozza ġdida fuq pole fi Triq tal-Ferħa saret.

**56/02/08** **Para 55/03/03:** Il-proġett ta' *traffic lights* għadu għaddej, is-Sindku spjega li saru żewġ bozoz ġodda fi Triq il-Ġnien ħdejn il-Palazz tal-Kmand u li issa kemm jitqabdu mill-ENEMALTA.

**56/02/09** **Para 55/03/08:** Is-Sindku qal li fil-ġranet li ġejjin ħa ninvestu f'CCTV cameras HD ġewwa Ġnien il-Paċi.

**56/02/10** **Para 55/05/12:** Is-Sur Aquilina spjega li minn Settembru, Malta Textile Recycling ħa tibda tiġbor ħwejjeġ għar-riċiklaġġ darba fix-xahar direttament mid-djar tar-residenti.

**56/02/11** **Para 55/05/27:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex jinbidlu 2 tabelli [*roundabout approaching* u *giveaway*] fi Triq il-Kbira u tabella [35KM] fi Triq Caravaggio għadhom pendenti.

**56/02/12** **Para 55/05/28:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech biex isir saqaf ġdid għal gazebo li tinsab fi Ġnien il-Paċi, għadna qed nistennew l-istimi.

**56/02/13** **Para 55/05/29:** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Christopher Fenech sabiex jekk hemm xi bankijiet is-*Searchlight battery* jintużaw flok il-bankijiet ta' Top of the world pendenti.

**56/02/14** **Para 55/05/31:** Is-Sindku qal li l-Kunsill għamel kuntatt ma' Sur Sebio Aquilina (Audiovisual Production) rigward ir-ritratti li ħa jintużaw għal *information panel* li ħa ssir f'Misraħ il-Knisja.

**56/02/15** **Para 55/05/32:** Is-Sur Aquilina spjega li l-bankina fi Triq San Ġwann li ħa ssir minn Road Servicing Ltd għadha pendenti.

**56/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**56/03/01** Is-Sindku qal li ġie avviċinat mill-Uffiċċju meteoroloġiku biex jagħmlu *Weather Station* ġewwa l-Għargħur. Kien hemm qbil unanimu li nikkoperaw. Is-Sindku ta' ċans li Kunsillieri biex jgħidu l-ilmenti u/jew suġġerimenti tagħhom.

**56/03/02** Is-Sur Christopher Fenech talab li nixtru erbgħa *sandwich boards* biex jitpoġġew fit-toroq waqt l-attivitajiet. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment.

**56/03/03** Is-Sur Christopher Fenech ressaq suġġeriment sabiex isiru żewġ *bollards* fuq il-bankina quddiem ir-residenza ta' ma ġenb il-*Convenience Shop*. Il-Kunsill qabel li minflok żewġ *bollards* issir *u-bar* jekk jaqblu r-residenti.

**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**56/03/04** Is-Sur Christopher Fenech qal li hemm żewġ *zebra crossing signs* bil-ħsara waħda fi Triq San Ġwann u l-oħra fi Triq il-Wieħed u Tletin ta' Marzu. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa tinforma lil *Smart Light Systems*.

**56/03/05** Fuq is-suġġeriment ta' Sur Carl Grech sabiex issir *crash barrier* mal-ġenb tal-Knisja, il-Kunsill ma laqax din it-talba peress li triq diġà dejqa u hemm il-ħwienet.

**56/03/06** Is-Sur Carl Grech talab li tiġi rranġata kaxxa tal-parkeġġ fi Triq Fra D. Mifsud. Kien hemm qbil unanimu.

**56/03/07** Is-Sur Mario Gauci talab li jsiru l-linji ta' nofs it-Triq Mons. L. Catania u Triq l-Isqof Gargallo. Kien hemm qbil unanimu.

**56/03/08** Is-Sur Mario Gauci talab li ssir biċċa *double yellow line* fi Triq in-Naxxar. Kien hemm qbil li ssir *site visit* ħalli naraw x'inhu l-aħjar li jsir.

**56/04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**56/04/01** Ma kienx hemm.

**56/05 Rapport Finanzjarju tat-Tieni Kwart (April – Ġunju)**

**56/05/01** Is-Sindku ppreżenta r-rapport finanzjarju tat-Tieni Kwart u ppropona l-approvazzjoni tar-rapport kif ippreżentat. Il-Kunsill qabel unanimament.

**56/06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**56/06/01** Ma kienx hemm.

**56/07 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**56/07/01** Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda. Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

**56/08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**56/08/01** Il-laqgħa spiċċat fit-08:00p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar it-Tlieta, 25 ta' Settembru 2018 fis-6:00pm.

| | |
|---|---|
| *(firmati)* | *(firmati)* |
| **Ġiljan Aquilina**<br>**Sindku** | **Maria Tanti**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |